## Minuti

**Seduta Nru. 4/2014**

**Data:** L-Erbgħa 17 ta' Settembru 2014

**Ħin:** 5.00pm

**Post:** Kunsill Lokali L-Imsida

---

**Preżenti:**
Matthew Mangion – *Chairperson*
Deborah Galea – *Viċi Chairperson*
Emanuel Galea – *Membru*
Owen Patrick Attard – *Membru*
Jimmy Zahra - *Membru*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. 'Leaflet' rigward il-Kumitat il-Ġdid tas-Swatar;
6. Kiosk fi Triq it-Torri, Swatar, B'Kara;
7. Proposta għal-stejġ quddiem l-HSBC;
8. Kommunikazzjoni minn laqgħat li saru;
9. Affarijiet oħra jekk urġenti;
10. Għeluq u Aġġornament.

## MINUTI:

### 1. Talba

077 Il-laqgħa bidet b'talba.

### 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**078 Il-Minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.**

**3. Punti Mqajma mill-Minuti**

**079 Materja 056: Is-Segretarju qalet li ser tkompli tkellem lil tal-NSO biex tinkiseb l-informazzjoni mitluba mill-Kumitat dwar il-popolazzjoni tas-Swatar.**

**080 Il-Kumitat ġie informat li ma hemmx garaxxijiet vojta propjeta' ta' l-Awtorita' tad-Djar biex ikunu jistgħu jiġu mikrija lill-Kumitat. Saret suġġeriment li l-Kumitat jagħmel talba għal xi studio flat.**

**081 Materja 057: Is-Segretarju għandha terġa tibgħat 'reminder' biex issir laqgħa mal-Medicines Authority dwar l-ispiżerija fis-Swatar. Intqal li servizz ta' spiżerija hija bżonnjuza ħafna fis-Swatar minħabba li l-popolazzjoni tas-Swatar qeda dejjem tikber (kemm fin-numru tan-nies, u anke fl-etajiet tar-residenti) u l-anzjani qed isibuha diffiċli biex jinqdew mill-Imsida jew Birkirakara minħabba li l-ispiżeriji huma wisq il-bogħod.**

**082 Is-Segretarju nformat lill-Kumitat li fuq l-art tas-Sisla għadhom ma rċivew l-ebda risposta.**

**083 Materja 059: Il-Kumitat ġie informat li saret laqgħa ma' l-iskola tas-St Martin's, propju mas-Sur Nello Calleja (Operations Manager) nhar it-3 ta' Settembru 2014. Ġew diskussi dawn il-materji:**

- **li s-Sur Calleja ser jibgħat imejl lill-ġenituri ta' l-istudenti bi pjanta ta' kif il-ġenituri għandhom b'mod faċli jidħlu u joħorġu mis-Swatar;**
- **li l-Kunsill ta' L-Imsida ser jipprovdi l-Gwardjani Lokali bħala parti mir-ronda tagħhom biex ikunu preżenti waqt il-ħin tal-ħrug ta' l-iskola. Is-Sur Calleja għandu jinforma lill-ġenituri li ser jkunu preżenti l-Gwardjani Lokali. Dawn għandhom ikunu aktar ta' gwida għal-ewwel gimghat, imbad jkunu jistgħu jibdew joħorgu ċ-ċitazzjonijiet.**
- **Is-Sur Nello Calleja offra li jiġi użat l-binja ta' l-iskola għal xi attivitajjiet li jista jkollu l-Kumitat. Qal li l-KAS ikun jista jagħmel użu mill-klassijiet, jew il-Hall b'xejn.**
- **Sar ftehim li s-Sur Calleja jinforma lil Kumitat fuq l-attivitajjiet sportivi li jsiru l-iskola biex issir promozzjoni tagħhom halli t-tfal jew kbar ikunu jistgħu jattendu.**

**084 Materja 060: Is-Sur Mangion qal li huwa attenda l-laqgħat tal-Kunsill ta' Birkirkara fejn reġa talab lis-Segretarju jagħti rendikont tal-finanzi tas-Swatar. Qal li s-Segretarju qallu li ser jinforma l-accountant biex jipprepara din l-informazzjoni. Qal ukoll li tkellem fuq il-Bollard li trid issir Triq l-Għabex ma' Triq iż-Żernieq, il-mera li trid issir Triq il-Vittmi tal-Gwerra kantuniera ma' Triq il-Qattus u anke biex jitneyħħa minnufih l-arblu tad-dawl li hemm fin-nofs fi Triq Evelyn Bonaci. Is-Sna Galea ssuġġeriet li l-Kumitat jibda jtella dawn it-talbiet li l-Kumitat Amministrattiv ikun qed jagħmel lill-**

**Kunsill ta' Birkirkara biex ir-residenti tas-Swatar ikunu jafu li l-Kumitat ikun qed jagħmel ir-rikjesti għax-xogħol li hemm bżonn. Is-Sur Mangion qal li qed jistenna li s-Sur Magro jagħtih 'admin rights' fuq il-paġna tal-Facebook biex ikun jibda jtella xi 'posts'. Sar qbil li qabel jiġi nformat id-Dipartiment bil-problemi li qed jiffaċċja l-KAS mal-Kunsill ta' Birkirkara (kif maqbul fil-laqgħa li għaddiet) il-KAS għandu jistenna biex ftit oħra qabel tittieħed azzjoni.**

**085 Materja 061: Il-bdil ta' l-isem ta' triq ġdida li nfetħet fi Triq Balliju Gutenberg tresqet lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq u ġiet approvata. Issa jkun jonqos l-approvazzjoni tal-Ministru kkonċernat u li tidher fil-gazzetta tal-Gvern.**

**086 Materja 062 u 073: Is-Sur Mangion qal li tkellem ma' persuna fl-HSBC u qed jistenna risposta dwar lil min l-aħjar tiġi ndirizzata l-korrespondenza. Qal ukoll li għadu m' għamilx kuntatt ma' xi kumpaniji oħra fiż-żona.**

**087 Materja 070: Fuq Triq Indri Grima is-Segretarju nformat lill-membri tal-Kumitat li d-Dipartiment ta' l-Artijiet informawha li l-art hemmhekk mhix tal-Gvern minhabb li l-art li ma tuzatx ghal-BDA kienet harget ligi fl-2001 biex terga tinghata lis-sidien originali. Intqal ukoll li min qed jokkupa parti mill-gnien fiz-zona qed jizgombra art privata. Is-Sur Zahra qal li hu fil-fatt jiftakar lis-sidien originali jaghmlu uzu mill-art. Intqal li ghandha tintbaghat imejl lis-sur Gatt biex jigi informat b'dan. Is-Sur Zahra tkellem fuq l-importanza li parti minn Triq Indri Grima tigi espropriata biex tinfetah triq halli s-Swatar ikollu hrug alternattiv. Sar qbil li l-Kumitat jiccekja jekk f'din iz-zona tistax issir zvillup u jekk iva issir talba biex l-art tigi espropriata minhabba li din l-art mhix qed tintuza, hija l-isbah parti tas-Swatar u ikun jista jsir zona rekreazzjonali, minhabba li fis-Swatar m'hemmx fejn ir-residenti jirrekrejaw ruhom.**

**088 Materja 072: Intqal li ser issir il-laqgħa u li għandu jintalab biex ikun preżenti anke l-Kunsill Pastorali.**

**4. Korrispondenza**

**089 Ma kienx hemm korrespondenza.**

**5. 'Leaflet' rigward il-Kumitat il-Ġdid tas-Swatar;**

**090 Sar qbil li fuq il-fuljettli ser jitqassam lir-residenti qabel il-laqgħa tal-Lokal issir promozzjoni tal-paġna tal-Facebook tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Sar qbil li għandha ssir promozzjoni tal-bżonn ta' Leaders tal-Girl Guides biex din l-għaqda tkun tista tibda tiltaqa fis-Swatar. Sar qbil li l-kwotazzjoni li ġab is-Sur Galea kienet l-irħas (€260 għal 2000 kopja). Intqal li barra dawn l-ispejjeż ikun hemm l-ispiża tat-tqassim u s-Segretarju għandha ġġib kwotazzjoni mill-Maltapost. Is-Sur Mangion qal li biex jibda jikkompila l-fuljett għandu bżonn ritratt flimkien ma' deskrizzjoni zgħira fuq kull**

**membru tal-Kumitat. Is-Segretarju ser tipprovdi nformazzjoni ġenerali (ġbir ta' skart, eċċ) taż-żewġ Kunsilli Lokali, u anke tikkuntatja lil Fr Robert biex issir laqgħa u anke jagħti ftit informazzjoni li titniżżel fis-sezzjoni tal-Kapillan.**

**6. Kiosk fi Triq it-Torri, Swatar, B'Kara;**

**091 Is-Sur Zahra informa lill-membri tal-Kumitat li hu u iċ-Ċhairperson tal-Kumitat preċedenti meta kienu ġew mistoqsija fuq il-Kiosk mill-Kunsill ta' Birkirkara kienu taw n-'no objection' tagħhom li jarma f'dak l-ispazju. Hu qal li suppost li fil-'weekend' ma jkunx armat, pero' ġie informat mill-membri l-oħra tal-Kumitat li s-Sibt fil-għodu qed ikun miftuħ ukoll. Qal ukoll li l-istess Kiosk jattendi xi festi. Iċ-Ċhairperson qal li dan il-Kumitat irċieva diversi ilmenti fuqu u l-biża li għandu dan il-Kumitat huwa li jitħajjar jarma xi ħadd iehor. Ukoll jekk jitħalla jarma f'dan il-post intqal li malajr irabbi l-għeruq u jkun ta' xkiel għat-titjib fit-Traffic Management li hija ppjanata għaż-żona.**

**092 Ġie deċiż li xi membri tal-Kumitat ser jitkellmu ma' sid il-Kiosk u jaraw x'permessi jipprovdi. Intqal li ser imorru Owen u Manuel imbad jitkellmu mal-bqija tal-Kumitat biex tiġi deċiża x'azzjoni għandha tittieħed.**

**7. Proposta għal-stejġ quddiem l-HSBC**

**093 Sar qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sur Zahra fejn il-membri tal-Kumitat jintroduċu ruħhom u jingħataw l-informazzjoni li hemm bżonn fuq il-proposti msemmija fl-imejl. Intqal li għal din il-laqgħa għandu bżonn ikun preżenti s-Sindku jew Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u għandhom ikunu inklużi fil-korrespondenza li tintbgħat. F'din il-korrespondenza s-Sindku u s-Segretarju għandhom jiġu mfakkra li l-KAS għadu qed jistenna laqgħa mal-Perit biex ikun jista jiġi ffinalizzat it-'traffic management' propost għas-Swatar.**

**8. Kommunikazzjoni minn laqgħat li saru;**

**094 Is-Sur Attard ippreżenta lista tal-entitajjiet kummerċjali li jinsabu fi Triq it-Torri fis-Swatar. Sar qbil li għandha tintbgħat imejl mill-KAS biex isiru laqgħat ma' kull kumpanija. Intqal li l-laqgħat għandhom iservu biex il-Kumitat jara jekk hemmx xi għajnuna li dawn il-kumpaniji lesti li jagħtu, u anke biex jitkellmu magħhom fuq it-'traffic management' u jaraw kif jistgħu jikkontribwixxu biex inaqqsu il-problema tat-traffiku fiż-żona. *Kumpaniji : HSBC Call Centre, Colours and more, Babyline, Tower Business Centre, APS Bank, 6pm, OK Medical, Design Centre, Johnny Italian Furniture, Somnium, La Ceramica, Greentech Enterprises u Forever (Skincare).***

**9.Affarijiet oħra jekk urġenti*;***

**095** **Fir-rigward l-art tas-Sisla ġie issuġġerit li forsi għandha ssir laqgħa mal-Awtorita' tad-Djar qabel l-applikazzjoni titla quddiem il-bord tal-MEPA. Dan biex jekk ikun hemm xi arranġamenti li jistgħu jsiru minn naħa tal-Awtorita' bi ftehim mal-KAS dawn ikunu jistgħu jitwettqu biex fil-bord ma jkunx hemm disgwit.**

**096** **Saret diskussjoni fuq it-tarag fi triq il-Vittmi tal-Gwerra li jagħti għal-Triq il-Wied (ħdejn il-Poltrone Sofa). Dan it-taraġ qed jintela bit-tajn u hemm bżonn isirulu xi xogħolijiet. Intqal li t-taraġ jaqa taħt il-Gvern Ċentrali (MTI) u għandu jibda jsir kuntatt biex tibda diskussjoni fuq r-repairs ta' dan it-taraġ. Is-Segretarju għandha tibgħat il-korrespondenza preċedenti fuq dan it-taraġ lic-Chairperson tal-Kumitat.**

**097** **Is-Sur Attard irraporta li tneħħiet tabella tal-One Way mill-kantuniera ta' Triq A Deacon.**

**098** **Is-Sur Attard qal ukoll li fi Triq P Borg Olivier ma Triq Deacon hemm bżonn issir bozza minħabba li ż-żona hija mudlama. Huwa qal li sid id-dar Casa Elena jaċċetta li din il-bozza teħel mal-faċċata tiegħu. Is-Segretarju għandha tinforma lill-Kunsill ta' Birkirkara biex issir l-applikazzjoni għal din il-bozza.**

## 9. Għeluq u Aġġornament

**099** **Il-laqgħa ġiet aġġornata ftit qabel is-7.45pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 21 ta’ Ottubru 2014 u li l-laqgħa tar-residenti ssir fid-29 ta’ Ottubru.**

**Matthew Mangion**
***Chairperson***

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data**